MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta ta' l-20 ta' Lulju, 2004

Avviz Numru. 486/1998/1

**Anthony Gatt u b'digriet tal-24 ta'Jannar 2000 l-isem tal-attur gie korrett u sostitwit b'Arthur**

**Vs**

**Vincent Borg**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-attur is-somma li tigi likwidata in linea ta' danni subiti mill-istess attur fil-vettura tieghu EAI-693 ga' E-1478(M) fl-incident tal-24 ta' April, 1997 ghal liema il-konvenut kien unikament responsabbli.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri legali tad-29 ta' Settembru 1997, 20 ta' Ottubru 1997, 19 ta' Novembru 1997, u 2 ta' Jannar 1998, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ghall-fini ta' kompetenza jigi dikjarat illi l-ammont ma jeccedix il-hames mitt lira Maltin (Lm500).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 7 tal-atti) u li biha eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt.
2. Illi r-responsabilta' ghall-incident li wassal ghad-danni mertu ta' din il-kawza hija ammessa u kienet hekk ammessa fid-data tal-incident.
3. Illi l-partijiet kienu fehmu li r-riparazzjonijiet kellhom isiru ghand tellar Charles Hartley bi prezz ta' bejn sittin u mitt lira u fil-fatt l-esponent kien iddeposita l-ammont ta' Lm60 mal-imsemmi Hartley.
4. Illi b'hekk it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti in toto bl-ispejjes billi dwar il-vertenza ta' bejn il-partijiet kien hemm ftehim li ghadu vigenti.
5. Illi fi kwalunkwe kaz l-ammont mitlub mill-attur huwa ferm ezagerat.
6. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza inklus id-digriet hawn fuq premess (fol 18 tal-istess atti).

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-konvenut, sallum, ma gab ebda prova in sostenn ta' dak sottomess minnu fl-imsemmija nota tal-eccezzjonijiet waqt li jigi notat li <u>l-istess konvenut</u> fl-istess nota, <u>ammetta r-responsabilita' tieghu</u> ghall-incident in esami.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi <u>l-attur</u> fix-xhieda tieghu spjega, in rigward dak li allega l-konvenut fl-istess eccezzjonijiet dwar il-'quantum' ta' danni, illi wara li hu u l-konvenut kienu ftehmu sabiex kull wiehed jirrikorri ghand l-assikurazzjoni taghhom rispettiva, ftehim li ma kienx onorat mill-istess konvenut, hu kien ircieva telefonata minghand missier dan u, bi ftehim, kienu ltaqghu ghand tellar, fuq suggeriment ta' missier il-konvenut.  Pero l-attur ma kienx accetta dak li kien

issugerixxa dan it-tellar. Sussegwentement kien sar inkontru iehor ghand tellar differenti izda, xorta wahda, jidher li ma kien intlahaq ebda ftehim. Ghalhekk, l-attur kien inkariga 'surveyor' sabiex jesamina l-hsara fil-karozza tieghu u dan, Marc Micallef (ara fol 14, 15 u 33 tal-istess atti) kien ikkalkola li d-danni fil-karozza tal-attur setghu jigu riparati bi spisa approssimattiva ta' Lm500. Jigi, fl-ahharnett, rilevat li l-attur ma jidhirx li rranga l-istess hsara u ghalhekk il-Qorti, fin-nuqqas ta' xi prova kontrarja, ser tistrieh fuq is-'survey report' a fol 15 tal-atti.

Ikkunsidrat

Illi mill-premess jidher li:-

a) Il-konvenut ammetta r-responsabilita' tieghu ghal dan l-incident.
b) Dwar l-ammont ta' danni pretiz mill-attur, ma jidhirx mill-provi prodotti, li filfatt kien hemm xi ftehim bejn l-attur u l-konvenut, kif allega dan fin-nota tal-eccezzjonijiet tieghu. Dwar dan il-punt, jkun opportun li jinghad li ftehim bhal dan kellu jkun bil-miktub, fil-fehma ta' din il-Qorti, in vista li ghandu n-natura ta' transazzjoni ('compromise') kif jistipula l-artikolu 1233(d) tal-Kodici Civili.
c) Kif di gja inghad, il-Qorti trid tistrieh fuq l-imsemmi 'survey report' u tillikwida l-ammont ta' danni fis-somma ta' Lm500.

Ghal dawn il-motivi tilqa' t-talbiet attrici u

1) tiddikjara lill-konvenut bhala unikament responsabbli ghal dan l-incident skond kif ammetta l-istess konvenut;
2) tillikwida l-ammont ta' danni fis-somma ta' Lm500 u;
3) tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attur is-somma ta' Lm500 bl-imghax legali mit-12 ta' Marzu 1998 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittri legali tad-29 ta' Settembru 1997, tal-20 ta' Ottubru 1997, tad-19 ta' Novembru 1997 u tal-2 ta' Jannar 1998.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------